# IL-KAMPNAR TAL-KNISJA L-QADIMA

Il-Protonotarju Apostoliku u Fundatur tal-proto-Kolleġġjata Elenjana, Dun Filippu Borgia, li kien ukoll l-ewwel prepostu ta' Birkirkara, kien ħa ħsieb jibni l-Knisja l-qadima u jagħmilha vera ġawhra ta' l-arti. Iżda meta wasal biex imut fl-1649, din il-knisja kienet għadha mhux kompluta minn kollox, u ħafna xogħlijiet fiha baqgħu isiru matul is-snin li ġew wara. Il-Kapitlu kien ħa ħsieb ikollu Prokuraturi tal-Knisja li, 30 sena wara l-mewt tal-fundatur, kienu Pietru Ebejer, Ġużeppi Borg u Duminku Gatt. Dawn l-irġiel ħabrieka kienu jieħdu ħsieb jiġbru flus mingħand il-parruċċani karkariżi għal dak kollu li jkun hemm bżonn isir fil-knisja. Fl-1678 kienu tħajjru u kellhom flus biżżejjed f'idejhom biex jagħmlu tabernaklu ġdid u rikk fl-artal Maġġur tal-knisja l-qadima, li allura kienet mhux biss is-sede tal-kolleġġjata imma wkoll il-parroċċa ta' Birkirkara.

B'dan il-ħsieb f'moħħhom dawn il-prokuraturi talbu formalment lill-Kapitlu biex jagħt il-kunsens tiegħu ħalli jkun jista' jinbeda x-xogħol tal-tabernaklu fuq l-artal imsemmi. Issa hu ta' min ikun jaf li fejn hemm knejjes, katidrali jew kolleġġjati u anki f'dawk il-komunitajiet ta' ħafna patrijiet, it-tabernaklu ma jitpoġġiex fuq l-artal maġġur minħabba l-funzjonijiet liturġiċi u ċ-ċelebrazzjonijiet li jkunu twal u spissi fuq dak l-artal, imma jitpoġġa fuq artal laterali jew f'kappella tal-ġenb. Għal din ir-raġuni il-Kapitlu ma laqax ix-xewqa tal-prokuraturi.

Issa għalhekk wieħed ried jara x'ser jagħmel b'dawk il-flus li kienu ġa ingħataw għall-ispiża mhux żgħira ta' bini ta' tabernaklu fuq l-artal maġġur. Wara ħafna ħsieb u diskussjoni tfaċċat l-idea, li billi l-Knisja kienet għadha mingħajr kampnar, dawk il-flus u ġbir ieħor li kien għadu jsir setgħu imorru għal din l-opra oħra tant meħtieġa u li kienet żgur issebbaħ dik il-Knisja maestuża. Intqal ukoll li l-kampnar kien meħtieġ biex isaħħaħ il-ħitan ta' l-istess knisja li ġa kellhom bżonn jissewwew f'xi bnadi u b'hekk ma tiġrix ħsara lill-knisja.

Fil-fatt, ħafna mill-ġebel meħtieġ għax-xogħol tal-kampnar kien ġa ilu maqtugħ u miġjub madwar il-Knisja.

*ikompli f'paġna 145*

Mil-banda l-oħra, il-poplu ta' Birkirkara kien jixtieq li jsir dan il-kampnar, u għalhekk ħabirku biex l-isqof jagħti l-kunsens tiegħu minħabba li l-flus miġbura kienu ser jintefqu għal skop differenti minn dak li għalih kienu ġew mogħtija, jiġifieri għal tabernaklu ġdid.

Malajr inkiteb memorjal lill-isqof li kien għadukif laħaq, il-Monsinjur Mikiel Girolamu Molina, u dan min-naħa tiegħu mill-palazz tiegħu ġewwa l-Belt Valletta irrisponda bil-miktub nhar il-11 ta' Ġunju 1678. Huwa kiteb li billi l-poplu ta' Birkirkara kien jaqbel u ried li ssir din il-bidla ta' opra m'oħra, huwa wkoll kien qed jagħti l-kunsens tiegħu. L-għada stess imbagħad, waqt li n-nies kienu miġbura fil-knisja għall-quddies, il-vigarju-kurat perpetwu jew Kappillan ta' B'Kara xandar fost il-ferħ kbir ta' kulħadd dak kollu li kiteb l-isqof u kif l-istess isqof kien ġa ħareġ id-digret fejn ikkonċeda l-permess meħtieġ. Il-vigarju kurat niżżel dan kollu bil-miktub biex jibqa' bħala tifkira għal dejjem.

Ix-xogħol tal-kampnar, fuq disinn tal-magħruf Arkitett Vitor Cassar, ma damx wisq ma nbeda u tlesta u ħafna mix-xogħol sar bla ħlas mill-parruċċani. Hekk il-Knisja l-qadima sar għandha kampnar ġdid li għadu hemm sal-lum u li ma jagħmilx għajb lill-arkitettura imponenti tal-knisja stess.



*Il-Kampnar tal-Knisja l-Qadima.*